

4) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej hija kkundannata għall-ispejjeż rispettivi tagħha u għal nofs l-ispejjeż sostnuti minn A. Traore.

(¹) ĠU C 269, 10.11.2007, p. 72.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-11 ta' Diċembru 2008 — Evraets vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-92/07) (¹)

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2006 — Kapaċità tal-uffiċjal li jaħdem b'tielet lingwa)

(2009/C 44/125)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Pascal Evraets (Lambusart, il-Belġju) (rappreżentanti: N. Lhoëst, sussegwentement N. Lhoëst u S. Fernández Menéndez, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u G. Berscheid, aġenti)

Parti intervenjenti: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: I. Šulce u M. Simm, aġenti)

Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni li r-rikorrent ma jgix promoss għall-grad AST 4, peress li ma weriex li huwa kapaċi jaħdem b'tielet lingwa, bħala parti mill-proċedura ta' promozzjoni 2006.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni li P. Evraets ma jgix promoss bħala parti mill-proċedura ta' promozzjoni 2006 hija annullata.
- 2) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej hija kkundannata tbat l-ispejjeż tagħha u tar-rikorrent.
- 3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

(¹) ĠU C 283, 24.11.2007, p. 44.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-11 ta' Diċembru 2008 — Beatriz Acosta Iborra et vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-93/07) (¹)

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2006 — Kapaċità li wieħed jaħdem bi tliet lingwi)

(2009/C 44/126)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Beatriz Acosta Iborra (Alkmaar, l-Olanda) u disa' uffiċjali oħra tal-Kummissjoni (rappreżentanti: irrappreżentati inizjalment minn N. Lhoëst, sussegwentement minn N. Lhoëst u S. Fernández Menéndez, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser u G. Berscheid, aġenti)

Parti intervenjenti: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: I. Šulce u M. Simm, aġenti)

Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni li, fin-nuqqas ta' prova tal-kapaċità tagħhom li jaħdmu bi tliet lingwi, ir-rikorrenti ma jgix promossi abbażi tal-proċedura ta' promozzjoni 2006.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjonijiet li Acosta Iborra u d-disa' uffiċjali l-oħra tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej li isimhom jidher anness ma' din is-sentenza ma jgix promossi abbażi tal-proċedura ta' promozzjoni 2006, huma annullati.
- 2) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk tar-rikorrenti.
- 3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess.

(¹) ĠU C 283, 24.11.2007, p. 44.